MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 31/1999/1

Agent Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Stefan Cassar

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agent Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fil-15 ta' Gunju, 1999 fejn espona:

1. Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 9 t'April 1999 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fir-Rabat, Ghawdex tal-kejl ta' 291 metri kwadri li fiha bir u li tmiss mir-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Joseph Cassar, mill-Punent u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Rose Azzopardi huwa ta' sitt mija u erbghin lira (Lm640.00) kif jidher mir-rapport tal-

Perit H Valentino A&CE tal-1 ta’ Frar, 1999, li kopja tieghu ‘Dok A’ hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b’ittra ufficjali tal-20 ta’ April, 1999 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta’ l-intimat Stefan Cassar ipprezentata fil-25 ta’ Novembru, 1999 fejn espona:

Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-valwazzjoni proposta mid-dipartiment billi din hija ferm inqas mill-valur reali ta’ l-art u mill-valur skond il-lig.

Ra l-verbal tat-12 ta’ Ottubu 2001 quddiem il-Bord diversament presedut.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni tal-periti maghmula wara access li nzamm fis-26 ta’ Novembru 2003.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ra li ghalkemm fir-rikors tissemma ittra ufficjail tal-20 ta’ April 1999 mibghuta mill-intimat lir-rikorrent din ma gietx prezentata. Fir-rikors jinghad li f’din l-ittra ufficjali intalab l-ammont ta’ Lm10,000.

Izda l-ammont ta' kumpens mahluf mill-perit ta' l-intimat Emanuel Vella hu ta' Lm2000 (fol 26 u xhieda moghtija fil-14 ta' Gunju 2002) u ghalhekk dan hu l-ammont miltub stante li hu l-ammont ikkonfermat bil-gurament.

Ra li l-periti ghalqu r-relazzjoni taghhom kif gej:

*"5. Huma kkunsidraw...... id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-artikolu 27, u bhala rizultat huma ta' l-opinjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' agrikola u li l-valur ta' l-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskrittra fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi stmat fl-ammont ta' elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1300)"*
u dan wara li kkunsidraw il-provi, s-sottomissjonijiet tal-partijiet u l-istimi tal-periti.

Il-Bord jaghmel r-relazzjoni tieghu u wara li kkonsidra l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jiffissa l-kumpens ghall-art imsemmija fir-rikors fl-ammont ta' Lm1300.

Jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimat li jittrasferilu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art fir-Rabat, Ghawdex tal-kejl ta' 291 metri kwadri li fiha bir u li tmiss mir-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Joseph Cassar, mill-Punent u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Rose Azzopardi skond il-pjanta esebita, bil-kumpensa ta' Lm1300.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 29 ta' Novembru 2006 fid-9:00a.m fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dottor Michael Spiteri biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci, li ghandu jigi mgharraf bil-hatra bil-miktub mir-rikorrent; l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------